MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 2299/2003

**Is-socjeta' Middle Sea Insurance p.l.c.
kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat
taghha Fremond Ltd**

**Vs**

**Alfred Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltin (Lm299) rappresentanti hlas li sar mis-socjeta attrici lill-assikurat taghha skond polza ta'l-assikurazzjoni u giet surrogata fid-drittijiet ta'l-istess assikurat taghha, wara li sehh fis-6 ta' Novembru 2000, incident stradali meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura tal-marka Subaru numru ta' registrazzjoni TMX 333 baqa' diehel gewwa l-vettura Peugeot 406 numru ta' registrazzjoni EAK 904 proprjeta ta'l-assikurat tas-socjeta

attrici. Illi ghal dawn id-danni, l-konvenut huwa unikament responsabbli stante li l-istess incident sehh minhabba traskuragini, negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2002 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-2 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltin (Lm299), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------